MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 436/2008

**A B**

**-vs-**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala Kuraturi Deputati skond digriet moghti mill-Qorti fid-29 ta’ Dicembru 2008 sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbatax (14) ta’ Frar elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998), kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A.

Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u erbgha (2004) (Dok. B);

Illi minn dana z-zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan ai termini ta' Artikolu 19.1.d tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dana ai termini ta' Artikolu 19.1.f tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kontendenti ghalkemm mhux interdetti jew morda, minn mohhhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanea setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini ta' l-artikolu 19.1.h tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fil-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi l-esponent taf illi l-intimat ilu nieqes minn dawn il-gzejjer sa minn Dicembru elfejn u wiehed (2001) u presenzjalment ma tafx fejn jinstab.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-erbatax (14) ta' Frar elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), huwa null u bla effett fil-ligi, u dan ai termini ta' l-artikoli 19.1.d, f u h tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg surriferit.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati fejn dawn eccepew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettall fi stadju ulterjuri.

Illi ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tal-attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz u numri tat-telefon tal-konvenut.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk l-assenti jghix fir-Renju Unit, in-notifika u l-kawza jridu jsiru fil-pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit mir-regolament Ewropew Nru. 1348/2000 u mir-regolament Nru. 44/2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex ittenni dak li diga' esprimew dawn il-Qrati hafna drabi, u cioe' li z-zwieg huwa materja ta' ordni pubbliku.

"Illi z-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss". ("Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju, 1987).

Ghaldaqstant, dawn il-Qrati ma jistghux jittrattaw kawza ghal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zwieg bhal kull kawza civili ohra. Ma jistax wiehed jaccetta ghad-dritt kull ma jigi dikjarat minn parti wahda minghajr ma jsir ezami ta'

x'kienet verament is-sitwazzjoni tal-koppja fil-mument tal-ghoti tal-kunsens.

Il-fatti f'din il-kawza jirrizultaw mill-ftit provi prodotti. L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kien ghad kellha dsatax-il sena. Ltaqghet mieghu meta kienet fuq btala barra minn Malta. Wara xi zjarat li ghamel Malta, ddecieda li jibqa' Malta. F'dak iz-zmien jidher li l-attrici kienet ghaddejja minn zmien difficli. Kienet tilfet lil ommha u missierha kien b'konsegwenza qed ibati bi problemi ta' mard mentali. F'din is-sitwazzjoni jidher li kien hemm element ta' konfort li l-attrici sabet fil-prezenza tal-konvenut. Hi tghid hekk:

"Jiena kont niehu gost immur id-dar wara l-Universita' u nsib lil xi hadd ma' min nitkellem".

Il-partijiet iddecidew li jizzewgu peress illi galadarba l-konvenut kien ta' nazzjonalita' barranija, dan kellu biss permess biex jibqa' Malta bhala turist, kellu ghalhekk imur Sqallija darba kull tlett xhur biex jiggeddidlu l-permess. Din is-sitwazzjoni kienet ta' spejjez u dwejjaq zejjed ghall-partijiet li ghalhekk iddecidew li jizzewgu.

"Il-pressjoni tas-safar kull tlett (3) xhur, it-tgergir da parti ta' missieri u ohti wassalni f'punt li ma stajtx nissaporti aktar. Nghid ukoll illi kienet qed tkun finanzjarjament difficli li kull tlett (3) xhur immorru gurnata Sqallija".

Il-partijiet, ghalhekk, izzewgu fir-Registru Pubbliku u, ghar-rigward ta' dan iz-zwieg, l-attrici tghid:

"Nghid li ghalija dana ma kien ifisser xejn ghaliex f'mohhi ma kontx mizzewga qabel ma nkun zzewwigt bil-knisja. Nghid li kont mort inkellem lill-kappillan, u dan qalli li C ried jigi mghammed sabiex nizzewgu bil-knisja. Nghid li meta ghedt dan lil C ghall-ewwel accetta, izda meta zzewwigna bir-rit civili, dana beda jgib l-iskuzi u ma riedx jitghammed. Nghid li jiena kont ukoll ghamiltielu cara illi mhux ser ikollna tfal lanqas ser nghixu l-hajja ta' mizzewgin qabel ma nizzewgu bil-knisja".

Jirrizulta ukoll illi wara li zzewgu, l-attrici baqghet torqod fil-kamra ma' ohtha u l-konvenut fil-kamra tal-bejt.

Ix-xhieda tal-attrici giet konfermata minn ohtha u l-Qorti m'ghandha ebda raguni li tiddubita mill-veracita' taghha.

Il-Qorti tinsab sodisfatta li l-partijiet f'dan iz-zwieg ma kellhomx l-intenzjoni li jistabbilixxu dik il-komunjoni ta' hajja u mhabba li essenzjalment jikkostitwixxu zwieg.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Frar 1998 huwa null u bla effett ai termini tal-Art. 19 1 (f) tal-Kap. 255.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------